MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2013

Numru. 1433/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Darren Buhagiar]**

**vs**

**Richard Zammit**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Richard Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 332091 (M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' Awwissu, 2010 u fil-jiem ta' qabel jew wara, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet,

disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw;

fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet anke in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.

Ikkunsidrat:

Mill-ewwel daqqa t'ghajn lill-istqarrija tal-imputat dan johrog illi l-imputat kien importa magna ta' karrozza tat-tip Ford Zetec petrol li ma kellha l-ebda dokument maghha u dan peress illi din il-magna ried ibieghha, dan kif qal hu stess, iffabbrika speci ta' ircevuta sabiex ikun jista' jbiegh din il-magna.

Il-prosekutur fix-xhieda tieghu izid illi meta marru jaghmlu spezzjoni fuq din il-magna, dawn irrealizzaw li din kienet bla numru. Irrizulta illi meta l-imputat biegh din il-magna lil terzi, dan meta mar sabiex jirregistraha mat-Transport Malta, talbuh id-dokumenti tal-origini u ghalhekk min xtraha rega' mar ghand l-imputat sabiex itih dawn id-dokumenti. Kien hawnhekk illi l-imputat, kif di fatti stqarr hu stess, illi ffabbrika tali rcevuta sabiex juri minn fejn effettivament inxtrat din il-magna (Dok. DB 5).

Illi gie ukoll ikkonfermat illi l-imputat kellu problem mas-'supplier' ta' din il-magna u ghalhekk dawn id-dokumenti rikjesti mit-Transport Malta qatt ma waslu minn dan is-'supplier' ghand l-imputat.

Infatti, jekk jigi kkomparat id-dokument DB5 li hija l-ircevuta originali ma’ dik iffabrikata (Dok DB6), mid-daqqa t’ghajn tinduna kemm din tal-ahhar hija dokument amatorjali fis-sens illi jonqos minn hafna elementi ta’ rcevuta normali. Infatti, document DB7 li hija korrispondenza mill-pulizija tal-Ingilterra; turi li effettivament Dok DB5 huwa document falz u li qatt ma origina mill-kumpannija Ford-it-Spares li bieghet din il-magna lill-imputat.

Illi finalment, mix-xhieda tal-imputat hareg illi din il-magna giet effettivament mibjuha diversi drabi u meta inbieghet l-ahhar darba fil-fatt kien gie min xtara din il-magna biex l-imputat itih id-dokumenti. Kif diga’ intqal qabel, l-imputat kien kostrett jiffabbrika rcevuta peress illi minn min xtara il-magna kellu kwistjoni mieghu u dawn baqghu qatt ma baghtulu id-dokumenti ta’ din il-magna. Din l-ircevuta giet finalment ipprezentata lill-ufficcjali tat-Transport Malta.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet. Illi bir-rispett kollu ma tistax tikkondividi ir-ragunament tad-difiza fejn qalet illi ma gietx ippruvata il-*mens rea* tal-imputat u dan ghaliex kien l-istess imputat fl-istqarrija tieghu kif sussegwentement ikkorroborata mix-xhieda tieghu bil-gurament, illi huwa ammetta b’mod car illi kien jaf illi kien qed jaghmel ircevuta bhal li kieku harget minn kumpannija ohra li hu m’ghandux konnessjoni maghha. Illi huwa immaterjali jekk il-kontenut tal-ircevuta kien korrett jew le.

Illi ugwalment ma taqbilx mad-difiza fejn qalet illi l-imputat ma ghamel l-ebda gwadann bil-fabbrikazzjoni tal-iskrittura kummercjali u dan ghaliex bla dik l-iskrittura huwa ma setax validament ibieghha u konsegwentement jirregistraha mat-Transport Malta. Issa l-fatt li nqabad huwa immaterjali ghall-kommissjoni ta’ dan ir-reat.

Anke li kieku kellha taqbel mat-tezi tad-difiza illi l-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova in kwantu ghad-dokument mibghut mill-pulizija ta’ Kent huwa biss fotokopja, l-elementi tar-reat huma ugwalment ippruvati bl-ammissjoni tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante illi t-tieni akkuza hija assorbita f’ta l-ewwel, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tikkundanna lil Richard Zammit ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------